MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru 761/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Ronald Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ronald Farrugia bin Nazzareno u Maria Theresa nee` Mallia, imwieled Pieta` fit-08/02/1985, li joqghod ‘Renmar’ No 125, Triq Santa Rita, B’Bugia u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 120985M gie akkuzat talli fis-16 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tal-16:45 hrs fi Triq Santa Rita, B’Bugia, volontarjament ikkaguna hsarat fuq il-vettura tal-ghamla

Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni LCF 085 ghad-dannu ta’ Marlene Attard minn Rahal Gdid, liema hsarat jammontaw ghal Lm77.30c;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kledi Attard minn Rahal Gdid skond kif iccertifikat Dr R. Portelli mill-Poliklinika ta’ Rahal Gdid.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Marlene Attard;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju, glied, dagha jew mod iehor.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 12 tal-Process (Dok JF3) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u ta’ l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tal-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum il-parte civile Marlene Attard iddikjarat li hi omm il-minuri parte civile Kledi Attard u f’isimha u f’isem binha Kledi Attard iddikjarat li qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Ronald Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u ta’ l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u dak dikjarat mill-parte civile Marlene Attard f’isimha u f’isem binha minuri parte civile Kledi Attard fis-seduta tal-lum u riportat aktar qabel f’din is-sentenza tillibera lill-istess imputat Ronald Farrugia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat tiddikjara procediment esawrit stante ir-rinunzja tal-parte civile Marlene Attard f’isem binha minuri parte civile Kledi Attard u rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat tiddikjara procediment esawrit stante ir-rinunzja tal-parte civile Marlene Attard.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronald Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------